MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 22/2009/1

**John Geranzi Limited**
**v.**
**Kummissarju tat-Taxxi Interni issa maghruf bhala Direttur Ġenerali, Taxxi Interni, u l-Prim Ministru għal kull interess li jista' jkollu; u b'dikriet tal-4 ta' Mejju 2009 ġie kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex rimedju għax tgħid illi nkisru l-jeddijiet fondamentali tagħha mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] meta ttieħed żmien twil

wisq biex tiġi likwidata t-taxxa fuq id-dħul li kellha tħallas l-attriċi u ġiet imposta taxxa addizzjonali.

2. Fis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Mejju 2012, li minnha sar dan l-appell, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili iddeċidiet hekk:

«Tipprovdi dwar din il-vertenza billi fl-ewwel lok tillibera lill-intimat Onor. Prim'Ministru u lill-kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u dan billi mhumiex il-leġittimi kontradituri f'dawn il-proċeduri, billi fit-tieni lok tiddikjara li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, bid-dewmien tiegħu, kiser id-drittijiet u libertajiet fondamentali tas-soċjetà rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta fl-artikolu 39 u mill-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 u tiffissa l-kumpens xieraq li għandu jithallas mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni lis-soċjetà rikorrenti fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000) u billi fit-tielet lok tiċħad it-talbiet l-oħra kollha tas-soċjetà rikorrenti.

«Spejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.»

3. L-ewwel qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

«Din il-kawża tittratta dwar kont ossia *assessment* addizjonali fl-ammont ta' Lm7,912 li ħareġ l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni kontra s-soċjetà rikorrenti fir-rigward tas-sena ta' stima 1977. Fir-rikors promotur is-soċjetà rikorrenti, *John Geranzi Limited*, issostni li hi oġġezzjonat fil-ħin għall-imsemmija stima *ex officio* tal-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni rigwardanti d-dħul dikjarat għall-imsemmija sena ta' Stima 1977.

«Is-soċjetà rikorrenti ssostni ukoll li snin wara, *cioè* aktar minn 27 sena wara, l-istess intimat formalment irrifjuta tali oġġezzjoni u kien biss minħabba tali rifjut formali li s-soċjetà rikorrenti setgħat, skond il-liġi, taċċedi għat-tribunal kompetenti sabiex tikkontesta l-imsemmija stima *ex officio*. Fil-fatt is-soċjetà rikorrenti ntavolat appell kontra l-imsemmi avviż ta' rifjut quddiem il-Bord tal-Kummissarji Speċjali. Basikament is-soċjetà rikorrenti ssostni li d-dritt tagħha għal smigħ xieraq gie preġudikat minħabba l-imsemmi dekors esaġerat ta' żmien. *Inoltre* tilmenta li l-bord naqas li japplika l-insenjamenti reċenti tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward li l-oneru tal-prova jinqaleb f'każijiet li jirrigwardaw taxxa addizzjonali imposta mill-awtoritajiet kompetenti. F'dan ir-

rigward is-soċjetà rikorrenti ssottomettiet quddiem il-bord li kien impossibbli għaliha li tippreżenta l-aħjar dokumenti, l-aħjar xhieda u l-ahjar provi biex tkun tista tirribatti b'mod adegwat l-imsemmija stima tal-intimat u dan appuntu minħabba t-trapass esaġerat ta' żmien li l-intmat Kummissarju ħa biex joħroġ l-avviż ta' rifjut.

«Is-soċjetà rikorrenti wkoll invokat favur tagħha l-preskrizzjoni, però l-bord ma laqax tali eċċezzjoni u dan għar-raġunijiet kontenuti fid-deċiżjoni relativa tiegħu. Jista jkun rilevanti, però, li jiġi rilevat li fir-raġunamenti tiegħu l-bord, meta ċaħad l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irrimarka li hemm raġunijiet validi li jiġġustifikaw lis-soċjetà rikorrenti meta ssottomettiet li kien hemm "passività ġuridika" fuq in-naħa tal-intimat Kummissarju, liema passività wasslet sabiex din il-vertenza titwal b'mod esaġerat.

«Il-fatti rilevanti għall-presenti sentenza huma essenzjalment dawk kif indikati fil-rikors promotur mis-soċjetà rikorrenti. In effett bil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2011 il-partijiet qablu li l-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma kif indikati fir-rikors promotur. *Inoltre* l-intimati bl-ebda mod ma kkontestaw il-fatt li l-intimat Kummissrju tat-Taxxi Interni impjega sebgħa u għoxrin (27) sena biex ħareġ l-ittra tar-rifjut. Kien biss meta l-imsemmi intimat ħareġ tali avviż ta' rifjut li s-soċjetà rikorrenti kellha aċċess għall-Bord ta' Kummissarji Speċjali sabiex setgħet tikkontesta l-istima *ex officio* li kien għamel l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni.

«Il-qorti tħoss li f'dan l-istadju għandha tirrileva li r-rikors promotur tas-soċjetà rikorrenti hu esaġeratament twil u fih ħafna kwotazzjonijet inutili mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali, liema kwotazzjonijiet in effett huma wkoll kompletament irrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri. Dan qed jingħad in vista tal-fatt li ma hemmx dubju li l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jistax jiġi ritenut responsabbli għal dak li ddeċieda l-imsemmi Bord tal-Kummissarji Speċjali jew il-mod kif l-istess bord wasal għad-deċiżjonijiet tiegħu.

«L-intimati Kummissarju tat-Taxxi Interni u Onor. Prim'Ministru eċċipew preliminarjament li l-imsemmi intimat Onor. Prim'Ministru mhux il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni. Din l-eċezzjoni għandha tiġi akkolta *stante*

li in vista tal-provedimenti tal-artikolu 181B tal-Kap.12 il-presenza tal-istess intimat mhux neċċessarja f'dawn il-proċeduri. Kwindi l-intimat Onor. Prim'Ministru għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

«Hekk ukoll għandha tiġi akkolta l-eċċezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali fis-sens li l-istess kjamat fil-kawża mhux il-leġittimu kontradittur f'din l-azzjoni u dana *ai termini* tal-istess artikolu 181B tal-Kap.12 u kwindi l-kjamat in kawża ukoll għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

«Fl-opinjoni tal-qorti ma hemmx dubju li t-trapass taż-żmien li seħħ f'dan il-każ ippreġudika d-dritt tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi zmien raġonevoli. Effettivament l-intimat kummissarju dam wisq żmien biex joħroġ l-avviż ta' rifjut tiegħu u tali dewmien ippreġudika wkoll id-dritt għad-difiża tas-soċjetà rikorrenti. Minħabba l-imsemmi dewmien ġie inevitabilment preġudikat id-dritt tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Hu tabilħaqq inawdit li kont *ex officio* relativ għas-sena ta' stima 1977 għadu qed jiġi trattat għexiren ta' snin wara. Hu ovvju wkoll li minħabba l-istess trapass taż-żmien is-soċjetà rikorrenti sabet ruħha f'posizzjoni li ma setgħetx tikkontesta b'mod adegwat il-pretensjonijiet tal-intimat kummissarju u dan minħabba li rriżulta li fil-frattemp mietu dawk il-persuni li kienu involuti fil-ġestjoni tas-soċjetà rikorrenti fiż-żmien rilevanti. Infatti jirriżulta li d-direttur li llum qed jirrappresenta lis-soċjetà rikorrenti beda jiġi involut fil-ġestjoni tan-negozju tas-soċjetà rikorrenti wara s-sena in kwestjoni *cioè* wara l-1977. *Inoltre* hu verosimili wkoll li ċertu dokumenti u kotba tan-negozju ma nstabux.

«Barra minn hekk, skond il-liġi, is-soċjetà rikorrenti mhux tenuta li żżomm il-kotba tan-negozju għaż-żmien kemm damet għaddejja din il-vertenza u kwindi aktar u aktar is-soċjetà rikorrenti ma kinitx f'posizzjoni li tikkontesta l-istima in kwestjoni u dan appuntu minħabba n-nuqqas ta' xhieda li kienu jafu sew il-fatti in kwestjoni u minħabba n-nuqqas tad-dokumenti adegwati u rilevanti.

«F'dan ir-rigward għandu jiġi sottolineat li diversi drabi ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell li f'każ li jkunu għaddew aktar minn disa' (9) snin it-*taxpayer* ma jistax jiġi mġiegħel ibati konsegwenzi jekk ikun għadda l-imsemmi perjodu ta'

żmien u ma jkunux inżammu l-kotba tan-negozju. Aktar u aktar fil-presenti każ fejn it-trapass inutili taż-żmien hu kollu dovut għall-intimat kummissarju u żgur li ma kienx tort tas-soċjetà rikorrenti.

«Il-kwestjoni sollevata mis-soċjetà rikorrenti dwar l-oneru tal-prova żgur li m'għandux jirrispondi għaliha l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni, li m'għandu l-ebda kontroll fuq il-Bord tal-Kummissarji Speċjali inqas u inqas għandu kontroll kif jiddeċiedi l-istess bord.

«In vista ta' dak li ġie premess l-ewwel eċċezzjoni preliminari kemm tal-intimati kif ukoll tal-kjamat in kawża għandha tiġi akkolta u konsegwentement kemm l-intimat Onor. Prim'Ministru kif ukoll il-kjamat fil-kawża l-Avukat Ġenerali għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. *Inoltre* għandu jiġi dikjarat li ġew lesi d-drittijiet fondamentali tas-soċjetà rikorrenti meta l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ħalla jgħaddi wisq żmien biex ħareġ l-avviż ta' rufjut tiegħu u b'hekk ippreġudika serjament id-dritt tas-soċjetà rikorrenti għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli u *inoltre* tali dewmien ippreġudika d-dritt għad-difiża tas-soċjetà rikorrenti.

«Bħala rimedju s-soċjetà rikorrenti qed titlob li jiġi ffissat kumpens xieraq u qed titlob ukoll li titħassar is-sentenza tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali tat-22 ta' Diċembru 2008 (każ numru 29/2007) *oltre* li qed titlob li jingħataw ir-rimedji kollha xierqa. Hu ovvju li l-imsemmija sentenza m'għandhiex titħassar priċipalment għaliex l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni ma jirrispondix għall-għemil ta' bord li hu indipendenti mill-istess intimat bħal ma hu l-Bord in kwestjoni *cioè* l-Bord tal-Kummissarji Speċjali. Il-qorti hi tal-fehma li hu opportun li f'dan il-każ jiġi ffissat kumpens xieraq li għandu jitħallas mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni lis-soċjetà rikorrenti u dan in vista tal-fatt li ġew lesi d-drittijiet fundamentali tal-istess soċjetà rikorrenti u dana bl-imsemmi aġir tal-istess intimat. Il-qorti, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha speċjali tal-każ b'mod partikolari ż-żmien kemm dam l-intimat biex ħareġ l-avviż ta' rifjut kif ukoll iż-żmien kemm ilha pendenti l-vertenza in kwestjoni, tiffissa tali kumpens fis-somma ta' tletin elf euro (€30,000), liema somma l-intimat Kummissarju tat-Taxxi Interni għandu jiġi kkundannat iħallas lis-soċjetà rikorrenti.»

4. Minn din is-sentenza appellaw kemm l-attriċi u kemm il-Kummissarju tat-Taxxi Interni, illum il-Kummissarju tat-Taxxi ["il-Kummissarju"].

5. L-aggravji tal-attriċi jolqtu dik il-parti tas-sentenza (i) illi ħelset lill-Prim' Ministru u lill-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-Ġudizzju; (ii) illi ċaħdet it-talba biex tħassar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali ["il-Bord"] għax ingħatat bi ksur tal-art. 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 u 13 tal-Konvenzjoni; u (iii) illi ordnat illi l-ispejjeż jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Il-Kummissarju wieġeb u fisser għala, fil-fehma tiegħu, l-appell tal-attriċi għandu jiġi miċħud.

6. L-appell tal-Kummissarju jolqot dik il-parti tas-sentenza li sabet ksur tal-jeddijiet tal-attriċi mħarsa taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni, u illi ikkundannat lill-Kummissarju jħallas tletin elf euro (€30,000) bħala kumpens għal dan il-ksur. L-attriċi wieġbet u fissret għala, fil-fehma tagħha, l-appell tal-Kummissarju għandu jiġi miċħud.

7. Din il-qorti tibda biex tgħid illi taqbel għal kollox ma' dak li qalet l-ewwel qorti dwar it-tul żejjed tal-atti u l-inklużjoni fihom ta' materjal irrelevanti. Il-verbożità żejda u r-ripetizzjonijiet inutli ma jgħinu xejn u jwasslu biss biex itellfu l-linejarità u ċ-ċarezza tal-ħsieb, jisfokaw l-argument u jagħmluh aktar iebes biex jiftehem, u jidfnu dak li hu relevanti taħt massa ta' irrelevanzi. Ma hemmx aħjar minn argumenti preċiżi, konċiżi u linejari biex juru s-sekwenza loġika tal-ħsieb. Ħarsien ta' dawn il-prinċipji jgħin biex jitħaffef il-proċess ġudizzjarju u jsir użu aħjar mir-riżorsi ġudizzjarji.

8. Billi hija tal-fehma illi l-appell tal-Kummissarju jolqot b'mod aktar radikali s-sentenza appellata, billi jrid illi ma jinstab ebda ksur ta' drittijiet fondamentali, il-qorti sejra tibda biex tqis l-ewwel l-appell tal-Kummissarju.

9. Fl-ewwel aggravju tiegħu l-Kummissarju jilmenta dwar xi konklużjonijiet ta' fatt li waslet għalihom l-ewwel qorti. Jibda biex jgħid illi ma jaqbilx ma' dik il-parti tas-sentenza li tgħid hekk:

«Il-fatti rilevanti għall-presenti sentenza huma essenzjalment dawk kif indikati fil-rikors promotur mis-soċjetà rikorrenti. In effett bil-verbal tas-seduta tal-14 ta'

Marzu 2011 il-partijiet qablu li l-fatti li taw lok għal dawn il-proċeduri huma kif indikati fir-rikors promotur.»

10. Fil-fatt, jgħid il-Kummissarju, tassew illi l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2012 jgħid illi "m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatti" iżda jkompli "salv li r-rikorrenti ma kinux ġabu l-provi dokumentarji kif rikjesti mil-liġi, fl-istadju opportun". Jgħid il-Kummissarju illi d-dewmien kien riżultat ta' ċirkostanzi li fuqhom hu ma kellux kontroll, fosthom illi s-soċjetà attriċi stess naqset milli tagħmel dak li trid minnha l-liġi. Barra minn hekk, il-liġi ma tagħti ebda żmien li fih il-Kummissarju għandu joħroġ avviż ta' rifjut. Jikkontesta wkoll il-konklużjoni illi l-attriċi ġarrbet preġudizzju minħabba d-dewmien. Hija kienet taf illi kellha vertenza mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni dwar is-sena ta' stima 1977 u għalhekk kien imissha rat illi żżomm id-dokumenti u x-xiehda kollha li riedet tinqeda bihom għad-difiża tagħha.

11. Il-qorti ma tarax illi dan l-aggravju huwa ta' wisq relevanza għall-meritu tal-kawża. Għalkemm huwa minnu illi l-attriċi wkoll setgħet kellha xi sehem mill-ħtija għad-dewmien, dan ma jeħlisx lill-organi tal-istat mid-dmir illi jimxu b'ħeffa u effiċjenza. Ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet, dewmien ta' sebgħa u għoxrin sena biex jiġi mitmum proċess amministrativ b'ebda mod ma jista' jitqies raġonevoli. Jekk il-Kummissarju ra illi l-attriċi ma kinitx qiegħda tagħti s-sehem tagħha biex il-proċess jimxi, kien imissu ħareġ l-avviż ta' rifjut hekk kif ra illi l-attriċi ma kinitx qiegħda tagħtih it-tagħrif meħtieġ.

12. Dan id-dewmien huwa ta' relevanza għall-jedd ta' smigħ xieraq għax, sakemm inħareġ l-avviż ta' rifjut, l-attriċi ma setgħetx tibda tfittex rimedju quddiem il-Bord u, wara, quddiem il-Qorti tal-Appell.

13. L-attriċi kienet qiegħda għalhekk tiġi mċaħħda min aċċess għall-organi ġudizzjarji. Dan iwassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq mhux biss għax id-dewmien fih innifsu – aktar u aktar dewmien ta' sebgħa u għoxrin sena – huwa ksur iżda wkoll minħabba n-nuqqas għal dak iż-żmien kollu ta' aċċess għal qorti.

14. Tassew illi l-attriċi kienet taf bil-vertenza u għalhekk kien imissa ħadet ħsieb aħjar tad-dokumenti, iżda huwa inevitabbli illi wara dak iż-żmien kollu l-memorja tal-fatti tibda tiċċajpar u, bħal ma ġara fil-każ tallum, in-nies li jafu

aħjar il-fatti jibdew imutu. Dan ukoll iwassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

15. Dan fil-fatt huwa l-meritu tat-tieni aggravju, għax il-Kummissarju f'dan l-aggravju jgħid illi qalet ħażin l-ewwel qorti meta qalet illi "skond il-liġi, is-soċjetà rikorrenti mhux tenuta li żżomm il-kotba tan-negozju għaż-żmien kemm damet għaddejja din il-vertenza". Tassew illi, jekk ma kinitx marbuta bil-liġi li żżomm il-kotba, xorta kien fl-interess tal-attriċi li l-kotba żżommhom sakemm tinqata' l-kwistjoni. Kif ingħad fil-paragrafu ta' qabel dan, iżda, wara sebgħa u għoxrin sena huwa inevitabbli li l-fatti jibdew jiċċajpru. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

16. It-tielet aggravju jixbah lil dak ta' qablu, għax f'dan l-aggravju l-Kummissarju jgħid illi qalet ħażin l-ewwel qorti meta qalet illi "l-kumpannija appellata ma kinetx f'pożizzjoni li tikkontesta l-istima in kwistjoni minħabba n-nuqqas ta' xhieda li kienu jafu sew il-fatti in kwistjoni u minħabba n-nuqqas tad-dokumenti adegwati u rilevanti". Il-qorti ttenni illi għalkemm huwa minnu illi l-attriċi kien imissha ħadet ħsieb illi tiġbor u żżomm id-dokumenti u x-xiehda fil-waqt, xorta jibqa' l-fatt illi li tkun mistennija tiddefendi ruħha f'materja hekk teknika bħal ma hija t-taxxa u l-kontabilità wara sebgħa u għoxrin sena ma jistax ma jippreġudikalhiex id-difiża tagħha.

17. It-tielet aggravju huwa għalhekk miċħud.

18. Ir-raba' aggravju huwa maqsum fi tnejn: l-ewwel parti tolqot ir-rimedju li ordnat l-ewwel qorti – il-ħlas ta' tletin elf euro (€30,000) lill-attriċi – u t-tieni parti tolqot l-applikabilità tal-art. 6 tal-Konvenzjoni billi fil-fehma tal-Kummissarju l-kwistjoni bejn il-partijiet kienet ta' natura fiskali li ma taqax fid-definizzjoni ta' drittijiet u obbligi ċivili li jintlaqtu bl-art. 6 tal-Konvenzjoni.

19. Billi l-attriċi wkoll għandha aggravji dwar ir-rimedju, il-qorti sejra tqis l-aggravji tal-partijiet dwar ir-rimedju flimkien. Dwar it-tieni parti tar-raba' aggravju – li l-materja hija waħda ta' natura fiskali li ma tintlaqatx bl-art. 6 – il-qorti tagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

20. Is-setgħa tal-istat li jimponi u jiġbor it-taxxi ġejja mil-liġi, u hija setgħa li jista' jinqeda biha biss kif tgħid u trid il-liġi. Fi stat ta' dritt hija l-qorti l-organu li jgħid jekk il-liġi tħarsitx jew le. L-attriċi ma hijiex qiegħda tikkontesta s-setgħa tal-istat illi jimponi u jesiġi t-taxxi, iżda qiegħda

tgħid illi t-taxxa li qiegħed jesiġi mingħandha l-Kummissarju ma ġietx stmata kif trid il-liġi u għalhekk trid li jkollha aċċess għal qorti biex jiġi deċiż jekk il-liġi tħarsitx jew le.

21. Il-kwistjoni fil-kawża tallum għalhekk hija dwar jedd ta' aċċess għal qorti fi żmien xieraq u għalhekk ma tintlaqatx bl-eċċezzjoni tal-Kummissarju illi f'materja ta' obbligazzjonijiet fiskali ma jgħoddux id-dispożżizzjonijiet tal-art. 6 tal-Konvenzjoni. Dwar dan, il-pożizzjoni legali hija ċara[1].

22. Barra minn hekk, il-Kummissarju qiegħed jesiġi l-ħlas mhux biss tat-taxxa iżda ta' taxxa addizzjonali li fit-tweġiba tiegħu għall-appell tal-attriċi l-Kummissarju jsejħilha "multa amministrativa" li imponiha għax, fil-fehma tiegħu, l-attriċi ma għamiltx stqarrija sew u sħiħa tad-dħul tagħha għall-għanijiet tat-taxxa.

23. Għall-għanijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, it-termini legali li nsibu f'dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi għandhom tifsira "awtonoma". Li ma kienx hekk, l-istat faċilment jaħrab mill-garanziji tal-proċess penali billi l-pwieni jsejħilhom "amministrativi" flok penali. Iżda jsejħilha xi jsejħilha l-Kummissarju, it-taxxa addizzjonali tibqa' "piena" inflitta fuq il-kontribwent illi, fil-fehma tal-Kummissarju, ma jkunx għamel stqarrija sħiħa u sewwa tad-dħul tiegħu għall-għanijiet tat-taxxa. Fi stat ta' dritt iċ-ċittadin ma jistax ikun imċaħħad minn aċċess għal qorti għad-deċiżjoni jekk għandux jew le jkun soġġet għal piena.

24. Din il-parti tal-aggravju tal-Kummissarju hija għalhekk miċħuda wkoll.

25. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-attriċi u, flimkien magħhom, l-aggravju tal-Kummissarju dwar ir-rimedju.

26. L-ewwel aggravju tal-attriċi jolqot il-ħelsien tal-Prim'Ministru u tal-Avukat Ġenerali mill-ħarsien tal-ġudizzju. Il-materja hija regolata bl-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

---

[1] Ara Anthony Frendo *vs* Avukat Ġenerali *et*, Q. Kost. 30 ta' Novembru 2001; Vincent Cilia *vs* Prim'Ministru *et*, Q. Kost. 28 ta' Jannar 2005; *Pig Breeding Company Limited vs* Kummissarju tat-Taxxi Interni *et*, Q. Kost. 6 t'April 2006; *Clayton Communications Company Limited versus* Prim'Ministru *et*, Q. Kost. 29 ta' Jannar 2010.

«**181B.** (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:

«Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:

«(*a*) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-*Accountant General*;

«(*b*) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

«(*ċ*) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.

«(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.»

27. Għall-gvern mela jidher jew il-kap tad-dipartiment interessat, jew l-*Accountant General*, is-Segretarju Permanenti Ewlieni jew id-Direttur tal-Kuntratti meta l-interess ikun ta' dawn, jew l-Avukat Ġenerali fil-każijiet li jifdal. Huwa ovvju mela illi l-Prim'Ministru ma kellux ikun parti fil-kawża tallum għax ma huwiex wieħed minn dawk illi jidhru għall-gvern.

28. L-Avukat Ġenerali, iżda, kellu jkun parti fil-kawża għar-raġuni mogħtija mill-ewwel qorti stess: illi l-Bord huwa indipendenti mill-Kummissarju, li għalhekk ma jweġibx għall-għemil tal-Bord. Il-Kummissarju għalhekk, għalkemm il-kap tad-dipartiment interessat, ma jistax jidher għall-gvern biex iwieġeb għall-għemil tal-Bord: dan jista' jagħmlu biss, taħt l-art. 181B (2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-Avukat Ġenerali.

29. L-aggravju għalhekk sejjer jiġi miċħud fejn jolqot il-ħelsien tal-Prim' Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju, iżda sejjer jintlaqa' fejn jolqot l-Avukat Ġenerali.

30. It-tieni aggravju jolqot iċ-ċaħda tat-talba biex titħassar id-deċiżjoni tal-Bord. L-ewwel qorti kienet ċaħdet din it-talba għax, wara li ħarġet lill-Avukat Ġenerali mill-kawża, sabet li ma kien hemm ħadd li jwieġeb għall-għemil tal-Bord. Issa li l-Avukat Ġenerali reġa' ddaħħal fil-kawża dan l-ostakolu waqa', u nistgħu nqisu t-talba fil-meritu.

31. Dik id-deċiżjoni ngħatat meta, minħabba fid-dewmien biex l-attriċi tingħata aċċess għall-Bord bil-ħruġ tal-avviż ta' rifjut mill-Kummissarju, tqiegħdet fi żvantaġġ għax ma setgħetx tressaq sew id-difiża tagħha. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk, l-attriċi ġarrbet ksur tal-jedd tagħha għal smigħ xieraq.
32. Issa li x-xhieda u d-dokumenti meħtieġa għal dik id-difiża ma jistgħux, minħabba l-mogħdija ta' żmien, jinġiebu, ma jistax jingħata rimedju ieħor għal dan il-ksur ħlief billi titħassar mhux biss id-deċiżjoni tal-Bord iżda wkoll ir-rifjut tal-Kummissarju illi jaċċetta l-oġġezzjoni tal-attriċi kontra l-istima maħruġa minnu *ex officio*. Hekk l-attriċi titqiegħed fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha li kieku l-oġġezzjoni tagħha ġiet aċċettata.
33. L-iskop ta' dawn il-proċeduri ma huwiex illi l-attriċi tingħata xi vantaġġ iżda illi tingħata safejn hu possibbli *restitutio in integrum*. Fil-fehma ta' din il-qorti għalhekk ma huwiex il-każ illi titħallas kumpens ta' tletin elf euro (€30,000), kif ordnat l-ewwel qorti, iżda jkun biżżejjed illi ssir tpaċija sħiħa bejn il-kumpens morali li jixirqilha għall-ksur tal-jeddijiet tagħha u kull imgħax illi jista' jkun illi kien ikollha tħallas billi t-taxxa sejra titħallas wara mogħdija hekk twila ta' żmien. Il-benefiċċju illi tkun ħadet l-attriċi talli żammet f'idejha għal dan iż-żmien it-taxxa li kien imissha tħallset lill-Kummissarju jkun kumpens biżżejjed għall-ksur tal-jedd tagħha.
34. Hekk il-qorti qiegħda tiddisponi wkoll mill-appell tal-Kummissarju dwar ir-rimedju mogħti.
35. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi kemm mill-appell tal-attriċi u kemm minn dak tal-Kummissarju billi:

i. tikkonferma s-sentenza appellata fejn ħelset lill-Prim'Ministru mill-ħarsien tal-ġudizzju iżda tħassarha fejn ħelset ukoll lill-Avukat Ġenerali;

ii. tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet illi kien hemm ksur tal-jeddijiet tal-attriċi għal smigħ xieraq meta, minħabba d-dewmien biex inħareġ avviż ta' rifjut, kienet imċaħħda għal dak iż-żmien minn aċċess għal qorti;

iii. tħassar is-sentenza appellata fejn ċaħdet it-talba għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali;

iv. tirriforma d-deċiżjoni dwar rimedju billi tħassarha fejn ordnat il-ħlas ta' kumpens ta' tletin elf euro (€30,000)

u minflok tħassar kemm id-deċiżjoni tal-Bord tal-Kummissarji Speċjali u kemm l-avviż ta’ rifjut maħruġ mill-Kummissarju tat-Taxxi, u tordna li tiġi aċċettata l-oġġezzjoni tal-attriċi kontra l-istima *ex officio*, b’dan illi ma għandux jgħaddi mgħax fuq it-taxxa li tirriżulta dovuta, jekk ikun il-każ, jekk mhux b’seħħ miż-żmien statutorju minn meta tinħareġ l-istima finali wara li tiġi aċċettata l-oġġezzjoni tal-attriċi.

36. L-ispejjeż tal-Prim’Ministru tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż tal-ewwel grad iħallsuhom il-Kummissarju u l-Avukat Ġenerali u l-ispejjeż tal-appell jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) tħallsu l-attriċi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-Kummissarju u l-Avukat Ġenerali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------